

Brussell, 11 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

13210/22

FIN 1033
INST 351
PE-L 33

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Kumitat tal-Baġit
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	13061/22
Suġġett:	Trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 17/2022 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2022

1. Fil-5 ta' Ottubru 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 17/2022, f'konformità mal-Artikolu 31(1) tar-Regolament Finanzjarju¹.

L-għan ta' din il-proposta huwa t-trasferiment ta' ammont totali ta' EUR 43.7 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn (a/i) mill-Partiti 14 02 02 10 (*Missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali -- Drittijiet tal-Bniedem u Demokrazija*), 14 20 03 01 (*Għotjiet għal assistenza makrofinanzjarja (MFA)*), 14 20 03 06 (*Organizzazzjonijiet u ftehimiet internazzjonali*) u 15 02 02 01 (*Preparazzjoni għall-adeżjoni*) għall-Partita 14 02 01 11 (*Viċinat tal-Lvant*), kif ippreżentat fid-dokument 13061/22.

¹ Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

2. L-għan tat-trasferiment huwa li tissaħħaħ il-linja baġitarja tal-NDICI-Ewropa Globali għall-Viċinat tal-Lvant sabiex jingħata appoġġ addizzjonali lill-Ukrajna biex tindirizza l-ħtiġijiet li jirriżultaw mill-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Il-finanzjament ser jintuża għar-rikostruzzjoni u r-riabilitazzjoni urġenti ta' 74 skola li ġarrbu ħsara skont il-Pjan ta' Rkupru Rapidu tal-Ukrajna għall-iskejjel.

Minħabba ċ-ċirkostanzi urġenti, għandu japplika l-perjodu ta' tliet ġimgħat għall-approvazzjoni, skont l-Artikolu 31(4) tar-Regolament Finanzjarju.

3. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina l-proposta għal trasferiment fil-laqgħa tiegħu tal-5 u l-11 ta' Ottubru 2022.
4. Wara dak l-eżami, il-Kumitat tal-Baġit qabel, b'maġġoranza kkwalifikata, li jissuġġerixxi li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jagħti parir lill-Kunsill biex japprova:
 - il-proposta għat-trasferiment tal-appropriazzjonijiet, kif tinsab fid-dokument 13061/22;
u
 - l-abbozz ta' ittra fl-ANNEX għal din in-nota.

ABBOZZ TA' ITTRA

minn: il-President tal-Kunsill

lil: il-President tal-Parlament Ewropew

kopja: il-President tal-Kummissjoni

Sinjura President,

F'konformità mal-Artikolu 31(4) u (6) tar-Regolament Finanzjarju tat-18 ta' Lulju 2018¹, ninfurmak b'dan li l-Kunsill approva t-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 17/2022 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2022.

(Formola tal-għeluq)

¹ Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).